SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (Il-Ħames Awla)

18 ta' Diċembru 2024*

"Politika estera u ta' sigurtà komuni – Miżuri restrittivi meħuda fid-dawl tal-azzjonijiet li jiddestabbilizzaw il-Moldova – Iffriżar ta' fondi – Restrizzjonijiet fil-qasam ta' ammissjoni fit-territorju tal-Istati Membri – Listi tal-persuni, entitajiet u organi li għalihom japplika l-iffriżar tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi jew li huma suġġetti għal restrizzjonijiet fil-qasam tad-dħul fit-territorju tal-Istati Membri – Inklużjoni u żamma ta' isem ir-rikorrent fil-listi – Organizzazzjoni u tmexxija ta' manifestazzjonijiet vjolenti – Artikolu 1(1)(a)(ii) u Artikolu 2(1)(a)(ii) tad-Deċiżjoni (PESK) 2023/891 u Artikolu 2(3)(a)(ii) tar-Regolament (UE) 2023/888 – Obbligu ta' motivazzjoni – Eċċezzjoni ta' illegalità – Żball ta' evalwazzjoni – Libertà ta' intrapriża – Dritt għall-proprjetà – Responsabbiltà mhux kuntrattwali"

Fil-Kawża T-489/23,

Ilan Mironovich Shor, residenti f'Caesarea (l-Iżrael), irrappreżentat minn T. Bontinck, L. Marchal, avukati, u C. Zatschler, SC,

rikorrent,

vs

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, irrappreżentat minn A. Boggio-Tomasaz u E. Nadbath, bħala aġenti, assistiti minn E. Raoult, avukata,

konvenut,

sostnut minn

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn M. Carpus Carcea, L. Baumgart u T. Baumé, bħala aġenti,

intervenjenti,

IL-QORTI ĠENERALI (Il-Ħames Awla),

komposta minn J. Svenningsen (Relatur), President, C. Mac Eochaidh u M. Stancu, Imħallfin,

Reġistratur: H. Eriksson, Amministratriċi,

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

wara li rat il-fażi bil-miktub tal-proċedura, b'mod partikolari:

– ir-rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fid-9 ta' Awwissu 2023,

– id-deċiżjoni tal-11 ta' Diċembru 2023 li biha l-Kummissjoni ġiet ammessa tintervjeni insostenn tal-Kunsill;

– in-nota ta' adattament ippreżentata fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fil-5 ta' Lulju 2024,

wara s-seduta tal-1 ta' Ottubru 2024,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent, Ilan Mironovich Shor, jitlob, minn naħa, abbażi tal-Artikolu 263 TFUE, l-annullament, l-ewwel nett, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/1047 tat-30 ta' Mejju 2023 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2023/891 dwar miżuri restrittivi fid-dawl ta' azzjonijiet li jiddestabilizzaw ir-Repubblika tal-Moldova (ĠU 2023, L 140 I, p. 9 u rettifika fil-ĠU L, 2023/90187), u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1045 tat-30 ta' Mejju 2023 li jimplimenta r-Regolament (UE) 2023/888 dwar miżuri restrittivi fid-dawl ta' azzjonijiet li jiddestabbilizzaw ir-Repubblika tal-Moldova (ĠU 2023, L 140 I, p. 1 u rettifika fil-ĠU L, 2023/90185) (iktar 'il quddiem, meħuda flimkien, l-"atti inizjali"), it-tieni nett, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/1244, tas-26 ta' April 2024, li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2023/891 dwar miżuri restrittivi fid-dawl ta' azzjonijiet li jiddestabbilizzaw ir-Repubblika tal-Moldova (ĠU L, 2024/1242), u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2024/1243 tas-26 ta' April 2024 li jimplimenta r-Regolament (UE) 2023/888 dwar miżuri restrittivi fid-dawl ta' azzjonijiet li jiddestabbilizzaw ir-Repubblika tal-Moldova (ĠU L, 2024/1243) (iktar 'il quddiem, meħudin flimkien, l-"atti ta' żamma"), sa fejn dawn l-atti (iktar 'il quddiem, meħudin flimkien, l-"atti kkontestati") jikkonċernawh u, min-naħa l-oħra, abbażi tal-Artikolu 268 TFUE, il-kumpens għad-dannu morali li huwa ġarrab wara l-adozzjoni tal-atti inizjali.

Il-fatti li wasslu għall-kawża

2 Ir-rikorrent huwa negozjant u politiku ta' nazzjonalità Moldovana u Iżraeljana. Huwa kien il-mexxej tal-partit politiku Moldovan ȘOR sax-xoljiment tiegħu fid-19 ta' Ġunju 2023.

3 Din il-kawża taqa' fil-kuntest tal-miżuri restrittivi adottati mill-Unjoni Ewropea, fuq talba tal-mexxejja attwali tar-Repubblika tal-Moldova, minħabba l-azzjonijiet ta' destabbilizzazzjoni li qiegħed jaffaċċja dan il-pajjiż, azzjonijiet li intensifikaw sa mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tal-Federazzjoni Russa kontra l-Ukraina u li jheddu li jostakolaw l-adeżjoni tiegħu mal-Unjoni.

4 Fit-28 ta' April 2023, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adotta, abbażi tal-Artikolu 29 TUE, id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/891 dwar miżuri restrittivi fid-dawl ta' azzjonijiet li jiddestabilizzaw ir-Repubblika tal-Moldova (ĠU 2023, L 114, p. 15). Fl-istess data, il-Kunsill adotta, abbażi tal-Artikolu 215(2) TFUE, ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/888 tat-28 ta' April 2023 dwar miżuri restrittivi fid-dawl ta' azzjonijiet li jiddestabilizzaw ir-Repubblika tal-Moldova (ĠU 2023, L 114, p. 1 u rettifika fil-ĠU L, 2024/90730).

5 L-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni 2023/891 jipprevedi dan li ġej:

"L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jipprevjenu d-dħul fit-territorji tagħhom, jew it-tranżitu minnhom, ta':

a) persuni fiżiċi responsabbli għal, li jappoġġaw jew jimplimentaw azzjonijiet jew politiki li jimminaw jew jheddu s-sovranità u l-indipendenza tar-Repubblika tal-Moldova, jew id-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-istabbiltà jew is-sigurtà fir-Repubblika tal-Moldova, permezz ta' kwalunkwe waħda mill-azzjonijiet li ġejjin:
   i) l-ostakolar jew l-imminar tal-proċess politiku demokratiku, inkluż billi jostakolaw jew jimminaw serjament l-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet jew jippruvaw jiddestabilizzaw jew iwaqqgħu l-ordni kostituzzjonali;
   (ii) l-ippjanar, id-direzzjoni, l-involviment, dirett jew indirett, l-appoġġ jew b'xi mod l-iffaċilitar ta' dimostrazzjonijiet vjolenti jew atti oħra ta' vjolenza; jew
   iii) imġiba finanzjarja ħażina serja fir-rigward ta' fondi pubbliċi u l-esportazzjoni mhux awtorizzata tal-kapital […]"

6 L-Artikolu 2(1)(a) tad-Deċiżjoni 2023/891 jipprevedi li għandhom jiġu ffriżati l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu lil, jew huma proprjetà ta', miżmuma jew ikkontrollati minn persuni fiżiċi, entitajiet jew korpi responsabbli għal azzjonijiet jew politiki li jikkompromettu jew jheddu s-sovranità u l-indipendenza tar-Repubblika tal-Moldova, jew id-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-istabbiltà jew is-sigurtà fir-Repubblika tal-Moldova, jew li jappoġġjaw jew jimplimentaw dawn l-azzjonijiet jew politiki permezz ta' wieħed mit-tliet azzjonijiet imsemmija fil-punt 5 iktar 'il fuq.

7 Permezz tal-atti inizjali, isem ir-rikorrent ġie inkluż fil-listi tal-persuni, entitajiet u korpi suġġetti għall-miżuri restrittivi li jinsabu fl-Anness tad-Deċiżjoni 2023/891 u fl-Anness I tar-Regolament 2023/888 (iktar 'il quddiem il-"listi inkwistjoni"), għar-raġunijiet li ġejjin:

"Ilan Shor huwa politiku (Kap tal-Partit Politiku ŞOR) u negozjant mir-Repubbika tal-Moldova li huwa involut fil-finanzjament illegali tal-partiti politiċi fir-Repubblika tal-Moldova u fl-inċitament għall-vjolenza kontra l-oppożizzjoni politika. Il-Partit ŞoR, immexxi minn Ilan Shor, huwa involut fil-ħlas u t-taħriġ ta' persuni biex jipprovokaw diżordni u inkwiet waqt il-protesti fir-Repubblika tal-Moldova.

Permezz ta' deċiżjoni datata t-13 ta' April 2023, il-Qorti tal-Appell ta' Chisinau kkundannat lil Ilan Shor ħati ta' frodi u ħasil tal-flus fil-każ ta' 'Frodi Bankarja' għal 15-il sena ħabs u l-konfiska ta' assi għal valur ta' EUR 254 miljun. Fondi minn din il-frodi bankarja fuq skala kbira u l-konnessjonijiet ma' oligarki korrotti u entitajiet ibbażati f'Moska kienu u għadhom qed jintużaw, skont l-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Moldova, biex joħolqu b'mod artifiċjali inkwiet politiku fil-pajjiż.

L-azzjonijiet tiegħu diretti lejn l-imminar tad-demokrazija tar-Repubblika tal-Moldova jinkludu l-għoti ta' finanzjament illegali biex tiġi appoġġata l-attività politika favur il-Kremlin fir-Repubblika tal-Moldova. Eżempju tal-użu ta' tali fondi huwa l-organizzazzjoni ta' protesti u manifestazzjonijiet vjolenti, primarjament fil-belt kapitali Chișinău, bl-għajnuna ta' dimostranti mħallsa mix-ŞOR Party, matul l-2022-2023.

Billi dderieġa u ppjana dimostrazzjonijiet vjolenti u permezz tal-imġiba finanzjarja ħażina serja tiegħu b'rabta ma' fondi pubbliċi u l-esportazzjoni mhux awtorizzata ta' kapital, Ilan Shor huwa responsabbli għal azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu s-sovranità u l-indipendenza tar-Repubblika tal-Moldova, u d-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-istabbiltà u s-sigurtà fir-Repubblika tal-Moldova."

8 Fil-31 ta' Mejju 2023, il-Kunsill ippubblika f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* avviż għall-attenzjoni tal-persuni soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni 2023/891, kif emendata bid-Deċiżjoni 2023/1047, u fir-Regolament 2023/888, implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni 2023/1045 (ĠU 2023, C 190, p. 5). Permezz ta' dan l-avviż, il-persuni inkwistjoni ġew informati b'mod partikolari bil-fatt li jistgħu jibagħtu lill-Kunsill talba għal eżami mill-ġdid tal-iskrizzjoni ta' isimhom fil-listi inkwistjoni.

9 Fit-8 ta' Ġunju 2023, ir-rikorrent talab li jiġu kkomunikati l-provi li jissostanzjaw l-inklużjoni ta' ismu fil-listi inkwistjoni.

10 Fl-14 ta' Ġunju 2023, il-Kunsill ikkomunika lir-rikorrent id-Dokument WK 6381/2023 REV 1 li jinkludi l-provi li jikkonċernawh (iktar 'il quddiem id-"Dokument WK 6381/2023").

Fatti li seħħew wara l-preżentata tar-rikors

11 Permezz ta' posta elettronika tas-27 ta' Frar 2024, il-Kunsill informa lir-rikorrent bl-intenzjoni tiegħu li jżomm ismu fil-listi inkwistjoni abbażi ta' raġunijiet essenzjalment identiċi għal dawk li ġġustifikaw l-inklużjoni inizjali ta' ismu. Il-Kunsill kkomunikalu wkoll id-Dokument WK 2428/2024 li jinkludi l-provi li jiġġustifikaw iż-żamma ta' ismu fil-listi inkwistjoni (iktar 'il quddiem id-"Dokument WK 2428/2024") u informah bil-possibbiltà li jippreżenta osservazzjonijiet qabel it-13 ta' Marzu 2024.

12 Permezz ta' posta elettronika tat-18 ta' Marzu 2024, ir-rikorrent ippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu fil-posta elettronika tas-27 ta' Frar 2024 u fid-Dokument WK 2428/2024.

13 Fis-26 ta' April 2024, il-Kunsill adotta l-atti ta' żamma, li permezz tagħhom il-miżuri restrittivi meħuda kontra r-rikorrent ġew estiżi sad-29 ta' April 2025.

14 Fl-atti ta' żamma, il-Kunsill iġġustifika l-estensjoni tal-miżuri restrittivi li jikkonċernaw lir-rikorrent billi għamel żewġ emendi għall-motivi inizjali relatati mal-fatt li l-partit politiku tiegħu kien ġie ddikjarat antikostituzzjonali fix-xahar ta' Ġunju 2023. Għalhekk, il-motivi tal-atti ta' żamma jippreċiżaw li, minn naħa, "[q]abel ma l-Partit ȘOR, immexxi [mir-rikorrent] ġie ddikjarat bħala wieħed mhux kostituzzjonali f'Ġunju 2023, [ir-rikorrent] kien involut fil-ħlas u t-taħriġ ta' persuni biex jipprovokaw diżordni u inkwiet waqt il-protesti fir-Repubblika tal-Moldova" u li, min-naħa l-oħra, "[w]ara li l-Partit [tar-rikorrent] ġie ddikjarat mhux kostituzzjonali, [huwa] kompla jiffaċilita l-influwenza Russa fix-xena politika tar-Repubblika tal-Moldova billi ffinanzja illegalment partiti oħra u pprova jxaħħam lill-politiċi".

15 Permezz ta' posta elettronika tad-29 ta' April 2024, il-Kunsill informa lir-rappreżentanti tar-rikorrent bid-deċiżjoni tiegħu li jżomm ismu fil-listi inkwistjoni u bil-possibbiltà li jippreżenta osservazzjonijiet ġodda qabel l-1 ta' Novembru 2024.

It-talbiet tal-partijiet

16 Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tannulla l-atti kkontestati sa fejn jikkonċernaw lilu;

– tikkundanna lill-Kunsill għall-ħlas ta' somma ta' EUR 100 000 bħala kumpens għad-dannu morali mġarrab wara l-adozzjoni tal-atti inizjali;

– tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

17 Il-Kunsill jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tiċħad ir-rikors;

– sussidjarjament, fil-każ li d-Deċiżjoni 2023/1047 jew id-Deċiżjoni 2024/1244 jiġu annullati, tordna ż-żamma tal-effetti tagħhom sad-data tal-iskadenza tat-terminu għall-preżentata ta' appell previst fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea jew, jekk jiġi ppreżentat appell f'dan it-terminu, saċ-ċaħda eventwali ta' dan l-appell;

– tikkundanna lir-rikorrent għall-ispejjeż.

18 Il-Kummissjoni titlob lill-Qorti Ġenerali jogħġobha tiċħad ir-rikors u tikkundanna lir-rikorrent għall-ispejjeż.

Id-dritt

Fuq it-talbiet għall-annullament tal-atti kkontestati

19 Mir-raġunijiet għall-inklużjoni u għaż-żamma ta' isem ir-rikorrent fil-listi inkwistjoni jirriżulta espliċitament li dan huwa s-suġġett ta' miżuri restrittivi, peress li l-Kunsill qies li huwa kien responsabbli għal azzjonijiet li kienu jikkompromettu u jheddu s-sovranità u l-indipendenza tar-Repubblika tal-Moldova kif ukoll id-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-istabbiltà u s-sigurtà ta' dan l-Istat minħabba tnejn mit-tliet atti msemmija fl-Artikolu 1(1)(a) u fl-Artikolu 2(1)(a) tad-Deċiżjoni 2023/891.

20 Minn naħa, il-Kunsill jikkritika lir-rikorrent talli mexxa u ppjana manifestazzjonijiet vjolenti fir-Repubblika tal-Moldova, fis-sens tal-kriterju stabbilit fl-Artikolu 1(1)(a)(ii) u fl-Artikolu 2(1)(a)(ii) tad-Deċiżjoni 2023/891 kif ukoll fl-Artikolu 2(3)(a)(ii) tar-Regolament 2023/888 (iktar 'il quddiem il-"kriterju (ii)"). Min-naħa l-oħra, il-Kunsill iqis li r-rikorrent huwa responsabbli għal nuqqasijiet finanzjarji serji li jikkonċernaw fondi pubbliċi u l-esportazzjoni mhux awtorizzata ta' kapital, fis-sens tal-kriterju previst fl-Artikolu 1(1)(a)(iii) u fl-Artikolu 2(1)(a)(iii) tad-Deċiżjoni 2023/891 kif ukoll fl-Artikolu 2(3)(a)(iii) tar-Regolament 2023/888 (iktar 'il quddiem il-"kriterju (iii)").

21 Fid-dawl tan-natura alternattiva tagħhom, huwa biżżejjed, sabiex l-atti kkontestati jkunu fondati fid-dritt, li wieħed miż-żewġ kriterji li l-Kunsill uża sabiex jinkludi u jżomm isem ir-rikorrent fil-listi inkwistjoni kien ġie ġustament użat, hekk kif barra minn hekk irrikonoxxew il-partijiet waqt is-seduta (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' Novembru 2013, Il-Kunsill vs

Manufacturing Support & Procurement Kala Naft, C-348/12 P, EU:C:2013:776, punt 72 u l-ġurisprudenza ċċitata). Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali tqis opportun li l-ewwel teżamina l-motivi u l-argumenti tar-rikorrent li jikkritikaw il-legalità tal-atti kkontestati sa fejn dawn huma bbażati fuq il-kriterju (ii).

22 F'dan ir-rigward, insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka erba' motivi, ibbażati, l-ewwel, fuq eċċezzjoni ta' illegalità tad-Deċiżjoni 2023/891 u tar-Regolament 2023/888, it-tieni, fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni u tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, li għandhom jiġu eżaminati fl-ewwel lok, it-tielet, fuq żbalji ta' evalwazzjoni u, ir-raba', fuq ksur tad-drittijiet fundamentali.

Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni u tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva

23 Ir-rikorrent isostni li l-atti kkontestati huma vvizzjati b'insuffiċjenza ta' motivazzjoni, li tipprekludih milli jiddefendi ruħu u b'hekk jippreġudika d-dritt tiegħu għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva.

24 B'mod partikolari, sa fejn huwa akkużat li "mexxa u ppjana manifestazzjonijiet vjolenti", il-motivazzjoni tal-atti kkontestati ma tippermettilhux jifhem liema aġir huwa konkretament akkużat bih. Il-motivi tal-atti kkontestati huma impreċiżi u l-elementi fattwali li fuqhom ibbaża ruħu l-Kunsill sabiex jikkunsidra li dan il-kriterju kien issodisfatt ma humiex identifikabbli.

25 Il-Kunsill jikkontesta dawn l-argumenti.

26 Skont il-ġurisprudenza, il-motivazzjoni ta' att tal-Kunsill li jimponi miżura restrittiva ma għandhiex biss tidentifika l-bażi legali ta' din il-miżura, iżda wkoll ir-raġunijiet speċifiċi u konkreti li għalihom il-Kunsill jikkunsidra, fl-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali tiegħu, li l-persuna kkonċernata kellha tkun is-suġġett ta' tali miżura (ara s-sentenza tat-13 ta' Settembru 2018, Sberbank of Russia vs Il-Kunsill, T-732/14, EU:T:2018:541, punt 97 u l-ġurisprudenza ċċitata).

27 Ma huwiex mitlub li l-motivazzjoni tispeċifika l-punti ta' fatt u ta' liġi rilevanti kollha sa fejn in-natura suffiċjenti ta' motivazzjoni għandha tiġi evalwata fid-dawl mhux biss tal-formulazzjoni tagħha, iżda anki fid-dawl tal-kuntest tagħha u tar-regoli legali kollha li jirregolaw il-qasam ikkonċernat (ara s-sentenza tal-15 ta' Novembru 2012, Il-Kunsill vs Bamba (C-417/11 P, EU:C:2012:718, punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata).

28 F'dan il-każ, il-bażijiet legali tal-atti kkontestati huma faċilment identifikabbli, peress li jirriżultaw espliċitament mill-motivi mfakkra fil-punti 7 u 14 iktar 'il fuq.

29 Fil-fatt, kif ġie kkonstatat fil-punt 19 iktar 'il fuq, il-Kunsill qies li r-rikorrent kien responsabbli għal azzjonijiet li kienu jikkompromettu u jheddu s-sovranità u l-indipendenza tar-Repubblika tal-Moldova kif ukoll id-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-istabbiltà u s-sigurtà ta' dan l-Istat minħabba tnejn mit-tliet atti msemmija fl-Artikolu 1(1)(a) u fl-Artikolu 2(1)(a) tad-Deċiżjoni 2023/891 kif ukoll fl-Artikolu 2(3)(a) tar-Regolament 2023/888, jiġifieri l-kriterji (ii) u (iii).

30 Fir-rigward tal-kriterju (ii), il-Kunsill espona b'mod li jinftiehem u inekwivoku r-raġunijiet speċifiċi u konkreti li għalihom huwa kkunsidra, fl-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali ta' evalwazzjoni tiegħu, li l-manifestazzjonijiet immexxija u organizzati mir-rikorrent kienu jrenduh responsabbli għal azzjonijiet li kienu jikkompromettu u jheddu s-sovranità u l-indipendenza tar-Repubblika tal-Moldova kif ukoll id-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-istabbiltà u s-sigurtà ta' dan l-Istat.

31 Fil-fatt, minn naħa, il-Kunsill indika li r-rikorrent kien involut f'inċitamenti għall-vjolenza kontra l-gvern attwali tar-Repubblika tal-Moldova. Min-naħa l-oħra, huwa jakkużah li jsostni attività politika favur ir-Russja f'dan il-pajjiż, b'mod partikolari billi jħallas lil persuni sabiex jipparteċipaw f'avvenimenti organizzati mill-partit tiegħu u billi jħarriġhom sabiex jikkawżaw b'mod artifiċjali inkwiet fil-pajjiż.

32 Skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 27 iktar 'il fuq, dawn l-indikazzjonijiet għandhom jinqraw fid-dawl tal-kuntest li fih ġew adottati l-atti kkontestati. F'dan ir-rigward, mill-premessi 1 sa 12 tad-Deċiżjoni 2023/891 jirriżulta essenzjalment li l-Kunsill impenja ruħu li jsostni lir-Repubblika tal-Moldova quddiem l-azzjonijiet ta' destabbilizzazzjoni mwettqa bl-għajnuna u fl-interess tal-Federazzjoni Russa bl-għan li tostakola l-adeżjoni tagħha mal-Unjoni billi timmira b'mod partikolari l-persuni li, permezz ta' atti ta' vjolenza bħal dawk li bihom huwa akkużat ir-rikorrent, jirrappreżentaw theddida għad-demokrazija u għall-istat tad-dritt kif ukoll għall-istabbiltà u għas-sigurtà tar-Repubblika tal-Moldova.

33 Fid-dawl ta' dan il-kuntest, skont il-kriterju (ii), il-motivazzjoni tal-atti kkontestati kienet suffiċjenti sabiex tippermetti lir-rikorrent jiddefendi ruħu u jifhem ir-raġunijiet speċifiċi u konkreti tal-inklużjoni u taż-żamma ta' ismu fil-listi inkwistjoni u lill-Qorti Ġenerali tistħarreġ il-legalità tagħhom.

34 Barra minn hekk, sa fejn huma bbażati fuq il-kriterju (ii), għandu jiġi nnotat li l-atti kkontestati ma humiex ibbażati fuq id-deċiżjoni tat-13 ta' April 2023 tal-Qorti tal-Appell ta' Chișinău (il-Moldova), li għaliha jsir riferiment fl-atti kkontestati sabiex tiġi ġġustifikata l-inklużjoni u ż-żamma ta' isem ir-rikorrent biss abbażi tal-kriterju (iii).

35 Għaldaqstant, sabiex jissodisfa l-obbligu tiegħu li jimmotiva l-adozzjoni tal-atti kkontestati skont il-kriterju (ii), il-Kunsill ma kienx obbligat li juri r-raġunijiet li għalihom huwa kien qies li din id-deċiżjoni ġudizzjarja kienet ġiet adottata b'rispett tad-drittijiet tad-difiża tiegħu u tad-dritt tiegħu għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, kif teżiġi l-ġurisprudenza li tirriżulta b'mod partikolari mis-sentenza tad-19 ta' Diċembru 2018, Azarov vs Il-Kunsill (C-530/17 P, EU:C:2018:1031), kif barra minn hekk irrikonoxxa r-rikorrent waqt is-seduta.

36 Fl-aħħar nett, għandu jiġi miċħud l-argument imqajjem kontra l-atti ta' żamma, ibbażat fuq il-fatt li, fir-risposta u fil-kontroreplika, il-Kunsill iddikjara li isem ir-rikorrent kien ġie inkluż fil-listi inkwistjoni abbażi tal-kriterju previst fl-Artikolu 2(1)(a)(i) tad-Deċiżjoni 2023/891, li jirrigwarda l-persuni li jostakolaw jew li jimminaw il-proċess politiku demokratiku fir-Repubblika tal-Moldova. Fil-fatt, in-natura suffiċjenti tal-motivazzjoni tal-atti kkontestati ma tistax tiġi evalwata fid-dawl tal-kontenut tan-noti ppreżentati mill-Kunsill, u dan iktar u iktar peress li dan tal-aħħar irrikonoxxa li dawn in-noti kienu vvizzjati bi żball tal-pinna fuq dan il-punt.

37 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, it-tieni motiv għandu jiġi miċħud bħala infondat.

Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq eċċezzjoni ta' illegalità tad-Deċiżjoni 2023/891 u tar-Regolament 2023/888

38 L-ewwel motiv huwa, essenzjalment, maqsum f'ħames partijiet, ibbażati, l-ewwel, fuq in-nuqqas ta' bażi legali tad-Deċiżjoni 2023/891 u tar-Regolament 2023/888, it-tieni, fuq il-ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, it-tielet, fuq il-ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali, ir-raba', fuq użu ħażin ta' poter u, il-ħames, fuq ksur tal-Artikolu 2, tal-Artikolu 8 tal-Artikolu 21(1) TUE.

– *Fuq il-ġurisdizzjoni tal-Qorti Ġenerali*

39 Il-Kunsill isostni li, permezz tal-ewwel motiv, ir-rikorrent jitlob lill-Qorti Ġenerali tiddikjara d-Deċiżjoni 2023/891 u r-Regolament 2023/888 inapplikabbli fl-intier tagħhom. Issa, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 24(1) TUE u l-Artikolu 275 TFUE, il-Qorti Ġenerali ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar l-opportunità tal-adozzjoni ta' dawn l-atti fil-qasam tal-politika estera u ta' sigurtà komuni (PESK).

40 Ir-rikorrent jikkontesta dawn l-argumenti.

41 Ċertament, skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 275 TFUE, il-qorti tal-Unjoni ma għandhiex ġurisdizzjoni fir-rigward tad-dispożizzjonijiet dwar il-PESK, u lanqas fir-rigward tal-atti adottati abbażi tagħhom.

42 Madankollu, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 275 TFUE, il-qorti tal-Unjoni għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar ir-rikorsi ppreżentati fil-kundizzjonijiet previsti fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE dwar l-istħarriġ tal-legalità tad-deċiżjonijiet li jipprevedu miżuri restrittivi kontra persuni fiżiċi jew ġuridiċi adottati mill-Kunsill abbażi tal-Kapitolu 2 tat-Titolu V tat-Trattat UE. Din id-dispożizzjoni ma teskludix il-possibbiltà li tiġi kkontestata, b'mod inċidentali skont l-Artikolu 277 TFUE, il-legalità ta' att ta' portata ġenerali insostenn ta' rikors għal annullament ippreżentat kontra miżura restrittiva individwali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' Jannar 2016, Azarov vs Il-Kunsill, T-331/14, EU:T:2016:49, punt 62).

43 Madankollu, peress li l-Artikolu 277 TFUE ma għandux l-għan li jippermetti lil parti tikkontesta l-applikabbiltà ta' kwalunkwe att ta' portata ġenerali favur kwalunkwe rikors, il-portata ta' eċċezzjoni ta' illegalità għandha tkun limitata għal dak li huwa indispensabbli għas-soluzzjoni tat-tilwima (ara s-sentenza tat-30 ta' April 2019, Wattiau vs Il-Parlament, T-737/17, EU:T:2019:273, punt 56 u l-ġurisprudenza ċċitata). Huwa għalhekk li fl-okkażjoni ta' rikors għal annullament ippreżentat kontra deċiżjonijiet tal-Kunsill li jimponu miżuri restrittivi kontra persuni fiżiċi jew ġuridiċi, il-Qorti Ġenerali aċċettat li setgħet validament tkun is-suġġett ta' eċċezzjoni ta' illegalità d-dispożizzjoni tal-att ta' portata ġenerali li tistabbilixxi l-kriterju li abbażi tiegħu isem il-persuna kkonċernata kien ġie inkluż fil-listi inkwistjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Settembru 2016, Yanukovych vs Il-Kunsill, T-348/14, EU:T:2016:508, punti 57 sa 59 u l-ġurisprudenza ċċitata).

44 F'dan il-każ, għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali għandha ġurisdizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni ta' eċċezzjoni ta' illegalità limitata għad-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni 2023/891 u tar-Regolament 2023/888 li jipprevedu l-kriterji (ii) u (iii), fatt li l-Kunsill barra minn hekk irrikonoxxa bi tweġiba għal mistoqsija tal-Qorti Ġenerali waqt is-seduta.

45 Fid-dawl tal-punt 21 iktar 'il fuq, hemm lok għalhekk li jsir eżami tal-ewwel motiv sa fejn dan huwa intiż li jikkontesta l-legalità tad-dispożizzjonijiet li jipprevedu l-kriterju (ii).

– Fuq l-ewwel parti tal-ewwel motiv, ibbażata fuq in-nuqqas ta' bażi legali tad-Deċiżjoni 2023/891 u tar-Regolament 2023/888, ir-raba' parti tal-ewwel motiv, ibbażata fuq użu ħażin ta' poter, u l-ħames parti tal-ewwel motiv, ibbażata fuq ksur tal-Artikolu 2, tal-Artikolu 8 tal-Artikolu 21(1) TUE

46 Fil-kuntest tal-ewwel parti, tar-raba' parti u tal-ħames parti tal-ewwel motiv, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, ir-rikorrent isostni, essenzjalment, li d-Deċiżjoni 2023/891 u r-Regolament 2023/888 għandhom għanijiet differenti minn dawk li l-Kunsill huwa awtorizzat li jsegwi fil-kuntest tal-PESK.

47 Skont ir-rikorrent, l-għan li jikkonsisti f'li tiġi ffaċilitata l-adeżjoni ta' Stat terz mal-Unjoni ma huwiex għan tal-PESK, peress li l-proċess ta' adeżjoni huwa rregolat mill-Artikolu 49 TUE, li ma jinsabx f'kapitolu tat-Trattat dwar il-PESK. Barra minn hekk, il-Kunsill fir-realtà jsegwi l-għan li joħloq distorsjoni tal-proċess demokratiku intern ta' pajjiż ġar, b'tali mod li l-użu tal-Artikolu 29 TUE u tal-Artikolu 215(2) TFUE sabiex jiġġustifika l-adozzjoni, rispettivament, tad-Deċiżjoni 2023/891 u tar-Regolament 2023/888 jikkostitwixxi użu ħażin ta' poter. Skont ir-rikorrent, dawn il-miżuri restrittivi għandhom biss l-għan li jimmiraw ċerti membri tal-oppożizzjoni politika, fuq talba tal-Gvern tal-Moldova, li jikkostitwixxi ndħil fil-proċess politiku demokratiku intern tar-Repubblika tal-Moldova bi ksur tal-Artikolu 2, tal-Artikolu 8 tal-Artikolu 21(1) TUE.

48 Il-Kunsill, sostnut mill-Kummissjoni, jikkontesta din l-argumentazzjoni.

49 F'dan il-każ, id-Deċiżjoni 2023/891 u r-Regolament 2023/888 għandhom bħala bażi legali, rispettivament, l-Artikolu 29 TUE u l-Artikolu 215(2) TFUE, jiġifieri l-bażijiet legali rilevanti fil-qasam tal-PESK, li bħala tali ma huwiex ikkontestat mir-rikorrent. L-argument ta' dan tal-aħħar jimplika, fil-fatt, pjuttost li jiġi vverifikat jekk dawn l-atti jaqgħux effettivament fil-kuntest tal-PESK.

50 F'dan ir-rigward, minħabba l-portata wiesgħa tal-miri u tal-għanijiet tal-PESK, kif espressi fl-Artikolu 3(5) u fl-Artikolu 21 TUE kif ukoll fid-dispożizzjonijiet speċifiċi relatati magħha, b'mod partikolari l-Artikoli 23 u 24 TUE, il-qorti tal-Unjoni tirrikonoxxi lill-Kunsill marġni wiesgħa ta' diskrezzjoni sabiex jiddefinixxi s-suġġett tal-miżuri restrittivi li l-Unjoni tadotta fil-qasam tal-PESK (ara s-sentenza tas-27 ta' Lulju 2022, RT France vs Il-Kunsill, T-125/22, EU:T:2022:483, punt 52 u l-ġurisprudenza ċċitata).

51 Huwa fid-dawl ta' elementi oġġettivi li jistgħu jkunu suġġetti għal stħarriġ ġudizzjarju, li fosthom hemm l-għan u l-kontenut tal-att inkwistjoni, li għandha tiġi mistħarrġa l-għażla tal-bażi legali tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Marzu 2015, Ezz *et* vs Il-Kunsill, C-220/14 P, EU:C:2015:147, punt 42 u l-ġurisprudenza ċċitata).

52 F'dan il-każ, skont il-premessa 11 tagħha, id-Deċiżjoni 2023/891 għandha l-għan li timponi restrizzjonijiet fuq il-moviment u miżuri ta' ffriżar tal-assi kontra persuni responsabbli għal azzjonijiet jew politiki li jikkompromettu jew jheddu s-sovranità u l-indipendenza tar-Repubblika tal-Moldova kif ukoll id-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-istabbiltà jew is-sigurtà f'dan l-Istat, jew li jsostnu jew jimplimentaw dawn l-azzjonijiet jew politiki u persuni, entitajiet jew korpi assoċjati magħhom.

53 Skont il-premessa 2 tad-Deċiżjoni 2023/891, dawn il-miżuri restrittivi jaqgħu fil-kuntest ta' politika ta' appoġġ għall-mexxejja attwali tar-Repubblika tal-Moldova, pajjiż kandidat għall-adeżjoni mal-Unjoni, bl-għan li jissaħħu r-reżiljenza, is-sigurtà, l-istabbiltà, l-ekonomija u l-provvista tal-enerġija ta' dan il-pajjiż fil-konfront tal-attivitajiet ta' destabbilizzazzjoni mmexxija minn atturi esterni.

54 Din il-politika ta' appoġġ taqa' hija stess fil-kuntest imfakkar fil-premessi 3 u 4 tad-Deċiżjoni 2023/891, li jipprovdi li l-Gvern tal-Moldova għamel progress sinjifikattiv fit-tisħiħ tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt kif ukoll fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni, iżda qiegħed jiffaċċja diversi kriżijiet u qed jiffaċċja dejjem iktar theddid dirett għall-istabbiltà tiegħu, li joriġina kemm minn gruppi interni b'interessi partikolari kif ukoll mill-Federazzjoni Russa, li spiss jikkontribwixxu għad-devjazzjoni tal-pajjiż mill-perkors ta' riforma tiegħu. Mill-premessa 6 tal-imsemmija deċiżjoni jirriżulta wkoll li, skont l-evalwazzjoni tal-Kunsill, tali azzjonijiet ta' destabbilizzazzjoni kienu jeħtieġu reazzjoni immedjata fid-dawl tal-importanza li kellha l-istabbiltà tar-Repubblika tal-Moldova bħala pajjiż kandidat għall-adeżjoni mal-Unjoni li tinsab fil-fruntieri tagħha.

55 Huwa f'dan il-kuntest li, fil-premessa 7 tad-Deċiżjoni 2023/891, il-Kunsill indika li l-persuni responsabbli għal atti ta' vjolenza kienu jirrappreżentaw theddida għad-demokrazija u l-istat tad-dritt kif ukoll għall-istabbiltà u s-sigurtà tar-Repubblika tal-Moldova.

56 Fid-dawl tal-għan u tal-kontenut tad-Deċiżjoni 2023/891, jidher għalhekk li din id-deċiżjoni hija direttament marbuta mal-għanijiet tal-PESK stabbiliti fl-Artikolu 21(2)(b)TUE, sa fejn din hija intiża, essenzjalment, li tikkonsolida u ssostni d-demokrazija u l-Istat tad-dritt fir-Repubblika tal-Moldova.

57 F'dan il-kuntest, għandu jitqies li l-organizzazzjoni, it-tmexxija jew il-parteċipazzjoni f'manifestazzjonijiet vjolenti jew f'atti oħra ta' vjolenza tista' tiġġustifika azzjoni tal-Unjoni fil-kuntest tal-PESK ibbażata fuq l-għan li d-demokrazija u l-istat tad-dritt jiġu kkonsolidati u sostnuti f'pajjiż terz.

58 Fil-fatt, għall-kuntrarju tal-manifestazzjonijiet paċifiċi, li huma komponent essenzjali tad-demokrazija fi stat tad-dritt, il-manifestazzjonijiet vjolenti jistgħu jippreġudikaw il-bażijiet legali u istituzzjonali tal-pajjiż ikkonċernat u ma jaqgħux taħt id-dritt fundamentali għal-libertà ta' għaqda paċifika ggarantit mill-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (iktar 'il quddiem il-"KEDB") u mill-Artikolu 12(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta").

59 Minn dan jirriżulta li l-kriterju (ii) seta' jiġi introdott fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni 2023/891 u tar-Regolament 2023/888 ibbażati, rispettivament, fuq l-Artikolu 29 TUE u l-Artikolu 215(2) TFUE.

60 Din il-konklużjoni ma hijiex invalidata mill-argumenti tar-rikorrent.

61 Qabel kollox, għandu jiġi miċħud l-argument li, billi jfittex li jiffaċilita l-adeżjoni mal-Unjoni ta' pajjiż kandidat, il-Kunsill isegwi għan li ma għandux rabta mal-PESK.

62 Fil-fatt, ir-rispett tal-istat tad-dritt, li huwa valur essenzjali li fuqu hija bbażata l-Unjoni, huwa prerekwiżit għall-adeżjoni mal-Unjoni u l-Artikolu 21(2)(b) TUE jawtorizza lill-Kunsill jadotta miżuri restrittivi sabiex isostni, b'mod partikolari, l-istat tad-dritt f'pajjiż terz. Għaldaqstant, il-Kunsill huwa kompetenti sabiex jadotta miżuri restrittivi intiżi li jsostnu l-istat tad-dritt f'pajjiż terz kandidat għall-adeżjoni mal-Unjoni.

63 Sussegwentement, ma jistax jintlaqa' l-argument tar-rikorrent ibbażat fuq użu ħażin ta' poter. Fil-fatt, bħalma l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet diversi drabi, att ikun ivvizzjat minn użu ħażin ta' poter jekk, abbażi ta' ħjiel oġġettivi, rilevanti u konkordanti, jidher li dan ikun ittieħed esklużivament, jew tal-inqas b'mod determinanti, għal finijiet li ma humiex dawk li għalihom il-poter inkwistjoni ngħata jew bl-għan li tiġi evitata proċedura prevista speċjalment mit-Trattati sabiex jiffaċċjaw iċ-ċirkustanzi tal-każ (ara s-sentenza tal-15 ta' Novembru 2023, OT vs Il-Kunsill, T-193/22, EU:T:2023:716, punt 208 u l-ġurisprudenza ċċitata).

64 Issa, ir-rikorrent ma pprovdiex tali indizji li jistgħu jistabbilixxu li l-Kunsill kellu għanijiet differenti minn dak li kien jirriżulta mid-Deċiżjoni 2023/891. B'mod partikolari, is-sempliċi fatt li l-Kunsill wieġeb pożittivament għal talba għal appoġġ tal-Unjoni fid-dawl tal-azzjonijiet li kienu jheddu li jiddestabbilizzaw ir-Repubblika tal-Moldova ma jfissirx li l-atti adottati f'dan ir-rigward huma vvizzjati b'użu ħażin ta' poter. Bl-istess mod, l-allegazzjoni li l-miżuri restrittivi kienu maħsuba "sabiex jimmiraw […] speċifikament lejn il-leaders prinċipali tal-oppożizzjoni" hija kontradetta mill-formulazzjoni ġenerali tal-kriterji ta' inklużjoni inkwistjoni, formulazzjoni li tirrendihom applikabbli għal kategoriji oħra ta' persuni li ma humiex personalitajiet politiċi.

65 Fl-aħħar nett, peress li huwa stabbilit li l-Kunsill kien awtorizzat jadotta d-Deċiżjoni 2023/891 u r-Regolament 2023/888, b'mod partikolari sabiex isostni d-demokrazija u l-istat tad-dritt fir-Repubblika tal-Moldova konformement mal-Artikolu 21(2)(b) TUE, l-argument ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 2, tal-Artikolu 8 tal-Artikolu 21(1) ta' dan it-trattat ma jistax jintlaqa'.

66 Kuntrarjament għal dak li jsostni r-rikorrent fin-nota ta' adattament, it-talbiet preċedenti lanqas ma huma invalidati mill-fatt li l-Kunsill indika li huwa ma kellux dokumenti dwar it-talba għal appoġġ imressqa mir-Repubblika tal-Moldova, li għaliha jsir riferiment fil-premessa 10 tad-Deċiżjoni 2023/891.

67 F'dan ir-rigward, ir-rikorrent ma jispjegax kif l-assenza ta' dokument dwar din it-talba tippermetti li jiġi stabbilit li d-Deċiżjoni 2023/891 u r-Regolament 2023/888 huma vvizzjati b'xi illegalità.

68 Għaldaqstant, l-ewwel parti, ir-raba' parti u l-ħames parti tal-ewwel motiv għandhom jiġu miċħuda bħala infondati.

– *Fuq it-tieni parti tal-ewwel motiv, ibbażata fuq il-ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità*

69 Ir-rikorrent isostni li l-interpretazzjoni li l-Kunsill jadotta tal-kriterju (ii) hija sproporzjonata u għandha bħala konsegwenza li ħafna rġiel u nisa politiċi fl-Unjoni jistgħu jissodisfawh. Fil-fehma tiegħu, fid-dawl tad-dritt fundamentali għal-libertà ta' għaqda paċifika, huma biss il-manifestazzjonijiet organizzati b'mod intenzjonali bl-għan li jitwettqu atti ta' vjolenza li jistgħu jkunu s-suġġett ta' miżuri restrittivi.

70 Il-Kunsill, sostnut mill-Kummissjoni, jikkontesta din l-argumentazzjoni.

71 F'dan id-dawl, fir-rigward tal-istħarriġ ġudizzjarju tal-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li tirrikonoxxi setgħa diskrezzjonali wiesgħa lil-leġiżlatur tal-Unjoni fl-oqsma li kienu jimplikaw min-naħa ta' dan tal-aħħar għażliet ta' natura politika, ekonomika u soċjali, u li fihom dan tal-aħħar kien mitlub jagħmel evalwazzjonijiet kumplessi. Minn dan hija ddeduċiet li hija biss in-natura manifestament inadegwata ta' miżura adottata f'dawn l-oqsma, fid-dawl tal-għan li l-istituzzjoni kompetenti kellha l-intenzjoni li ssegwi, li setgħet taffettwa l-legalità ta' tali miżura (ara s-sentenza tat-28 ta' Marzu 2017, Rosneft, C-72/15, EU:C:2017:236, punt 146 u l-ġurisprudenza ċċitata).

72 F'dan il-każ, kuntrarjament għal dak li jsostni essenzjalment ir-rikorrent, iċ-ċirku ta' persuni potenzjalment suġġetti għal miżuri restrittivi bbażati fuq il-kriterju (ii) ma jistax jitqies li huwa sproporzjonat.

73 Fil-fatt, mill-kliem stess tal-Artikolu 1(1)(a)(ii) u tal-Artikolu 2(1)(a)(ii) tad-Deċiżjoni 2023/891 jirriżulta li kull organizzazzjoni, tmexxija jew parteċipazzjoni f'manifestazzjoni vjolenti jew f'atti oħra ta' vjolenza ma tiġġustifikax l-adozzjoni ta' miżuri restrittivi.

74 L-ewwel nett, sabiex jiġu adottati miżuri restrittivi abbażi ta' dan il-kriterju, l-azzjonijiet tal-persuna kkonċernata għandhom ikunu ta' natura li jikkompromettu jew jheddu s-sovranità u l-indipendenza tar-Repubblika tal-Moldova, jew id-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-istabbiltà jew is-sigurtà f'dan l-Istat. Fi kliem ieħor, dawn l-azzjonijiet għandhom ikunu jistgħu jimminaw il-bażi istituzzjonali u legali ta' dan il-pajjiż (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-15 ta' Settembru 2016, Yanukovych vs Il-Kunsill, T-346/14, EU:T:2016:497, punt 101).

75 Sussegwentement, kif jirrileva r-rikorrent, l-użu tal-kliem "manifestazzjonijiet vjolenti" u "atti oħra ta' vjolenza" jimplika neċessarjament li miżuri restrittivi ma jistgħux jiġu adottati kontra persuni responsabbli mill-organizzazzjoni, mit-tmexxija jew mill-parteċipazzjoni f'manifestazzjonijiet koperti mid-dritt għal-libertà ta' għaqda paċifika stabbilit fl-Artikolu 11 tal-KEDB u fl-Artikolu 12(1) tal-Karta.

76 F'dan ir-rigward, mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar l-Artikolu 11 tal-KEDB, li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni skont l-Artikolu 52(3) tal-Karta sabiex jiġu ddeterminati s-sens u l-portata tad-dritt għal-libertà ta' għaqda paċifika stabbilit fl-Artikolu 12(1) tagħha, jirriżulta li kull manifestazzjoni li fiha ġiet ikkonstatata vjolenza ma tistax tiġġustifika l-adozzjoni ta' miżuri restrittivi fil-konfront tal-organizzaturi tagħha.

77 Skont il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, id-dritt għal-libertà ta' għaqda paċifika japplika għal-laqgħat kollha, ħlief għal dawk fejn l-organizzaturi jew il-parteċipanti jkunu mmexxija minn intenzjonijiet vjolenti, jinċitaw il-vjolenza jew b'xi mod ieħor jiċħdu l-pedamenti tas-soċjetà demokratika (ara l-Qorti EDB, 15 ta' Ottubru 2015, Kudrevičius *et* vs Il-Litwanja, CE:ECHR:2015:1015JUD003755305, punt 92 u l-ġurisprudenza ċċitata). Barra minn hekk, persuna ma tieqafx milli tgawdi mid-dritt għal-libertà ta' għaqda paċifika minħabba atti ta' vjolenza sporadiċi jew atti kundannabbli oħra mwettqa minn persuni oħra matul il-manifestazzjoni, sakemm l-intenzjonijiet jew l-aġir tal-persuna kkonċernata jibqgħu paċifiċi (ara l-Qorti EDB, 5 ta' Jannar 2016, Frumkin vs Ir-Russja, CE:ECHR:2016:0105JUD007456812, punt 99 u l-ġurisprudenza ċċitata).

78 Fl-aħħar nett, teżisti relazzjoni raġonevoli bejn il-kriterju (ii) u l-għanijiet imfittxija mid-Deċiżjoni 2023/891 u r-Regolament 2023/888. Fil-fatt, sa fejn il-Kunsill ried isostni, b'mod partikolari, id-demokrazija u l-istat tad-dritt fir-Repubblika tal-Moldova billi jipprekludi li

azzjonijiet destabbilizzanti mwettqa minn atturi esterni jheddu li jostakolaw l-adeżjoni mal-Unjoni ta' dan il-pajjiż, l-approċċ li jikkonsisti f'li jiġu mmirati l-persuni responsabbli mill-organizzazzjoni, mit-tmexxija jew mill-parteċipazzjoni f'manifestazzjonijiet vjolenti jew f'atti oħra ta' vjolenza li jistgħu jikkompromettu din l-adeżjoni jissodisfa b'mod koerenti dawn l-għanijiet.

79 Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, il-kriterju (ii) ma jidhirx li huwa manifestament mhux xieraq fir-rigward tal-għanijiet segwiti mill-Kunsill.

80 Għaldaqstant, it-tieni parti tal-ewwel motiv għandha tiġi miċħuda bħala infondata.

– *Fuq it-tielet parti tal-ewwel motiv, ibbażata fuq ksur tal-prinċipju ta'ċertezza legali*

81 Ir-rikorrent isostni li l-Kunsill kiser il-prinċipju ta' ċertezza legali minħabba li l-kriterji stabbiliti mid-Deċiżjoni 2023/891 u mir-Regolament 2023/888 kienu jirrendu impossibbli għal persuna kkonċernata li tevita l-miżuri restrittivi, ikun xi jkun l-aġir tagħha. F'dan ir-rigward, fit-tweġiba tiegħu tat-13 ta' Mejju 2024 għat-talba għal aċċess għad-dokumenti mressqa mir-rikorrent abbażi tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331), il-Kunsill afferma li żvelar tal-atti preparatorji tal-atti kkontestati kien jirriskja li jċaħħad il-miżuri restrittivi mill-effett utli tagħhom billi juri kif il-persuni kkonċernati jistgħu b'mod iktar faċli jaħarbu mis-sistema ta' miżuri restrittivi, li huwa inkompatibbli mal-prinċipju ta' ċertezza legali.

82 Barra minn hekk, il-kriterju (ii) huwa intiż li jimponi sanzjonijiet kriminali retroattivament minħabba aġir fil-passat u ma huwiex ċar biżżejjed.

83 Il-Kunsill, sostnut mill-Kummissjoni, jikkontesta din l-argumentazzjoni.

84 Il-prinċipju ta' ċertezza legali jimplika li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tkun ċerta u li l-applikazzjoni tagħha tkun prevedibbli għall-persuni suġġetti għal-liġi (ara s-sentenza tas-17 ta' Frar 2017, Islamic Republic of Iran Shipping Lines *et* vs Il-Kunsill, T-14/14 u T-87/14, EU:T:2017:102, punt 192 u l-ġurisprudenza ċċitata). Din il-leġiżlazzjoni għandha tkun ċara u preċiża, sabiex il-persuni suġġetti għal-liġi jkunu jistgħu jagħrfu d-drittijiet u l-obbligi tagħhom mingħajr ambigwità u jadottaw id-dispożizzjonijiet tagħhom konsegwentement (ara s-sentenza tat-28 ta' Marzu 2017, Rosneft, C-72/15, EU:C:2017:236, punt 161 u l-ġurisprudenza ċċitata).

85 F'dan il-każ, l-ewwel nett, ir-rikorrent ma identifikax l-aspetti tal-kriterju (ii) li, fil-fehma tiegħu, ma kinux ċari jew preċiżi.

86 Sussegwentement, għandha tiġi miċħuda l-allegazzjoni li l-kriterju (ii) huwa intiż sabiex jissanzjona kriminalment ċerti persuni minħabba l-aġir passat tagħhom.

87 Fil-fatt, b'mod ġenerali, il-miżuri restrittivi ma għandhomx in-natura ta' sanzjoni kriminali, peress li l-fondi inkwistjoni huma ffriżati b'mod kawtelatorju u, għalhekk, provviżorji.

88 F'dan il-każ, in-natura kawtelatorja tal-miżuri restrittivi inkwistjoni hija kkonfermata mill-premessi 4 u 5 u 7 sa 10 tad-Deċiżjoni 2023/891, li minnhom jirriżulta li d-diversi kriterji ta' inklużjoni li hija tipprevedi huma intiżi li jiġġieldu l-atti ta' destabbilizzazzjoni li jirrappreżentaw "theddida" għad-demokrazija u għall-istat tad-dritt fir-Repubblika tal-Moldova.

89 Fi kliem ieħor, il-persuni responsabbli għal tali azzjonijiet ta' destabbilizzazzjoni ma humiex issanzjonati minħabba l-aġir passat tagħhom, iżda huma s-suġġett ta' miżuri restrittivi peress li l-Kunsill ikkunsidra li, minħabba l-aġir tagħhom, huma kienu jirrappreżentaw, fil-jum tal-adozzjoni ta' dawn il-miżuri, theddida għad-demokrazija u għall-Istat tad-dritt f'dan il-pajjiż.

90 F'dan, il-miżuri essenzjalment għandhom l-għan li jipprekludu atti bħal dawn jew ir-ripetizzjoni tagħhom, u huma iktar ibbażati fuq l-evalwazzjoni ta' theddida attwali jew futura milli fuq l-evalwazzjoni ta' mġiba fil-passat (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-23 ta' Ottubru 2008, People's Mojahedin Organization of Iran vs Il-Kunsill, T-256/07, EU:T:2008:461, punt 110). Kull interpretazzjoni oħra jkollha l-konsegwenza li tobbliga lill-Kunsill jibbaża ruħu biss fuq aġir sussegwenti għall-istabbiliment tal-kriterji inkwistjoni, u b'hekk iċaħħad mill-effettività l-kompetenzi mogħtija lilu mill-Artikolu 29 TUE u mill-Artikolu 215 TFUE.

91 Fl-aħħar nett, l-allegazzjoni li l-formulazzjoni ta' dan il-kriterju twassal għall-impossibbiltà li jiġu evitati l-miżuri restrittivi ma tistax tintlaqa'.

92 Fil-fatt, il-validità tal-miżuri restrittivi hija dejjem suġġetta għall-kontinwazzjoni taċ-ċirkustanzi ta' fatt u ta' liġi li wasslu għall-adozzjoni tagħhom kif ukoll għall-ħtieġa taż-żamma tagħhom sabiex jintlaħaq l-għan assoċjat magħhom. Huwa għalhekk li l-Kunsill huwa obbligat iwettaq, matul l-eżami mill-ġdid perijodiku ta' dawn il-miżuri restrittivi, evalwazzjoni aġġornata tas-sitwazzjoni u jistabbilixxi bilanċ tal-impatt ta' tali miżuri, sabiex jiddetermina jekk dawn ippermettewx li jintlaħqu l-għanijiet imfittxija mill-inklużjoni inizjali tal-ismijiet tal-persuni u tal-entitajiet ikkonċernati fil-lista inkwistjoni jew jekk għadux possibbli li tinsilet l-istess konklużjoni fir-rigward tal-imsemmija persuni u entitajiet (ara s-sentenza tal-15 ta' Novembru 2023, OT vs Il-Kunsill, T-193/22, EU:T:2023:716, punt 168 u l-ġurisprudenza ċċitata).

93 F'dan ir-rigward, l-argument ibbażat fuq il-kontenut tar-risposta tal-Kunsill tat-13 ta' Mejju 2024 għat-talba konfermattiva għal aċċess li r-rappreżentanti tar-rikorrent ippreżentaw abbażi tar-Regolament Nru 1049/2001 lanqas ma jippermetti li jiġi stabbilit li d-Deċiżjoni 2023/891 u r-Regolament 2023/888 jiksru l-prinċipju ta' ċertezza legali.

94 Fil-fatt, dan l-argument huwa intiż, fir-realtà, sabiex jikkritika l-legalità tad-deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Mejju 2024 li tirrifjuta parzjalment l-aċċess għal ċerti dokumenti. Peress li din id-deċiżjoni tista' tkun is-suġġett ta' rikors għal annullament skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrent ma jistax jinvoka l-illegalità tagħha fil-kuntest ta' din il-proċedura (ara s-sentenza tat-28 ta' Marzu 2017, Rosneft, C-72/15, EU:C:2017:236, punt 128 u l-ġurisprudenza ċċitata).

95 Għaldaqstant, it-tielet parti tal-ewwel motiv għandha tiġi miċħuda bħala infondata.

